



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0406/2013

25.11.2013

RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-firma ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Armenja fil-programmi tal-Unjoni
(16469/2012 – C7-0009/2013 – 2012/0247(NLE))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Tomasz Piotr Poręba

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

	Pàġna
ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA	6
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	7

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Armenja fil-programmi tal-Unjoni (16469/2012 – C7-0009/2013 – 2012/0247(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (16469/2012),
 - wara li kkunsidra l-abbozz ta' protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra (16472/2012),
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikoli 114, 168, 169, 172, 173(3), 188 u 192 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0009/2013),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A7-0406/2013),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Armenja.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn ir-Repubblika tal-Armenja u l-Komunitajiet Ewropej daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1999. L-Armenja pparteċipat b'mod attiv fil-Politika Ewropea tal-Viċinat sa mill-2004 u fis-Sħubija tal-Lvant sa mit-tnedija tagħha fl-2009.

Nhar il-5 ta' Marzu 2007¹, il-Kunsill approva l-approċċ deskritt fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar 'l-istrategġija ġenerali biex il-pajjiżi sħab tal-PEV ikunu jistgħu jieħdu sehem fl-aġenziji Komunitarji u fil-programmi Komunitarji'². F'din il-komunikazzjoni hemm ikkontemplata l-possibilità li l-pajjiżi tal-PEV jipparteċipaw fi programmi u aġenziji Komunitarji magħżulin bħala miżura li tippromwovi r-riformi, il-modernizzazzjoni u t-tranżizzjoni fil-Viċinat. Fit-18 ta' Ġunju 2007, il-Kunsill ħareġ direttivi għall-Kummissjoni ħalli tinnegozja Ftehimiet Qafas dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteeċipazzjoni fil-programmi Komunitarji ma' tlettax-il pajjiż tal-Viċinat.

L-intenzjoni li l-parteeċipazzjoni tal-pajjiżi sħab tkun aktar iffaċilitata fil-programmi tal-Unjoni kienet enfasizzata fil-Komunikazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarjiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar 'Risposta ġdida għal Viċinat ta' sfida'³. Id-Dikjarazzjoni tas-Samit ta' Varsavja tas-Sħubija tal-Lvant li saret bejn id-29 u t-30 ta' Settembru 2011, tenfasizza għal darb'oħra aktar l-interess tal-pajjiżi Sħab u tal-UE li l-parteeċipazzjoni tas-sħab fil-programmi u l-aġenziji tal-Unjoni tkun faċilitata, u tilqa' ż-żieda tal-kooperazzjoni settorjali.

L-abbozz ta' rakkomandazzjoni li qed jiġi kkunsidrat jittratta l-parteeċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mir-Repubblika tal-Armenja, wara li għamlet talba espressa għal dan f'April 2012.

Il-Protokoll jinkludi Ftehim Qafas dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteeċipazzjoni tal-Armenja fi programmi tal-Unjoni u jinkludi d-dispożizzjonijiet standard li jinsabu f'tali protokoll għall-pajjiżi tal-PEV. Għaldaqstant il-parteeċipazzjoni f'kull programm teħtieġ t-tfassil ta' memorandum ta' qbil (MtQ) biex jiġi ffirmat miż-żewġ partijiet. Barra minn hekk, il-parteeċipazzjoni tal-pajjiżi tal-PEV tikkonċerna biss dawk il-programmi tal-Unjoni li l-istatuti u objettivi tagħhom jippermettu tali parteeċipazzjoni.

L-Armenja għandha tikkontribwixxi finanzjarjament għall-programmi speċifiċi li tipparteċipa fihom. L-implikazzjonijiet finanzjarji jvarjaw minn programm għal ieħor u huma ddeterminati mill-MtQ.

Il-konklużjoni tal-protokoll se tippermetti l-ftuħ gradwali ta' ċerti programmi tal-Unjoni, jew il-parteeċipazzjoni rinfurzata fihom, għall-Armenja, b'tali mod li toffri opportunità biex tippromwovi aktar rabtiet kulturali, edukazzjonali, ambjentali, tekniċi u xjentifiċi, issaħħaħ il-kuntatti bejn in-nies u l-kooperazzjoni settorjali, flimkien mat-tiżi tar-relazzjonijiet politiċi permezz tas-Sħubija tal-Lvant u l-konklużjoni tal-ftehim ta' assoċjazzjoni.

¹ Il-Konklużjonijiet tal-KAĠRE tal-5 ta' Marzu 2007.

² COM (2006) 724 finali tal-4 ta' Diċembru 2006.

³ COM(2011) 303 finali tal-25 ta' Mejju 2011.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	24.10.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 56 -: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Bastiaan Belder, Elmar Brok, Tarja Cronberg, Arnaud Danjean, Susy De Martini, Mark Demesmaecker, Michael Gahler, Marietta Giannakou, Ana Gomes, Andrzej Grzyb, Richard Howitt, Anna Ibrisagic, Liisa Jaakonsaari, Jelko Kacin, Tunne Kelam, Maria Eleni Koppa, Paweł Robert Kowal, Eduard Kukan, Ryszard Antoni Legutko, Krzysztof Lisek, Sabine Lösing, Ulrike Lunacek, Willy Meyer, Alexander Mirsky, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Norica Nicolai, Raimon Obiols, Justas Vincas Paleckis, Pier Antonio Panzeri, Ioan Mircea Paşcu, Alojz Peterle, Tonino Picula, Mirosław Piotrowski, Bernd Posselt, Hans-Gert Pöttering, Cristian Dan Preda, Tokia Saïfi, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, György Schöpflin, Werner Schulz, Adrian Severin, Sophocles Sophocleous, Charles Tannock, Geoffrey Van Orden, Nikola Vuljanić, Boris Zala
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Charalampos Angourakis, Reinhard Bütikofer, Marije Cornelissen, Véronique De Keyser, Kinga Gál, Barbara Lochbihler, Emilio Menéndez del Valle, Doris Pack, Marietje Schaake, Ivo Vajgl, Janusz Władysław Zemke